**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur John Sacco**
**v**

**ALLAN GRIMA**

**Illum, 5 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALLAN GRIMA** ta' sbatax il-sena bin Anthony u Anne nee Borg, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru, 1982 u joqghod Block 8, Flat 1, Qasam tal-Bini Rinella, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 115783M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'B'Kara nhar t-tletin ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' bejn s-sebgha w kwart ta' filghaxija u d-disgha w kwart ta' filghaxija:

1. kkommetta serq ta' flus u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-lok, bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Augustine Compagno minn B'Kara;

2. talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda mhux l-hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess Augustine Compagno minn B'Kara;

4. talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata wiehed u ghoxrin ta' April, 1999 fejn kien instab hati ta' reat w lliberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal zmien tmintax il-xahar;

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna lil hati ghal hlas lir-Registratur tal-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati l-ewwel ta' Awissu, 2000 a fol 61 tal-atti processwali fejn l-istess Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi kif registrat a fol 10 tal-process fil-verbal tas-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2000.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni w ezaminat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu esibita fl-atti a fol 14 markata bhala dokument JS 1.

Minn ezami akkurat ta' din l-istqarrija rilaxxjata voluntarjament mill-imputat nnifsu jirrizulta li l-imputat kkommetta r-reat ta' serq minghand Augustine Compagno nhar t-tletin ta' Mejju, 2000. Jirrizulta wkoll li l-valur tas-serq jeccedi l-elf lira maltin u ghalhekk is-serqa hija aggravata bil-valur, li saret fir-residenza tal-istess Augustine Compagno u ghalhekk

jirrizulta l-aggravju tal-lok, li saret wara inzul ix-xemx stante li jirrizulta li l-imputat dahal fil-fond ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija u ghalhekk jirrizulta l-aggravju tal-hin u stante li ta daqqa ta' sieq fuq il-bieb ta' barra tal-istess fond jirrizulta l-aggravju tal-mezz.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-akkuza ta' serq aggravata bil-lok, valur, hin u mezz tirrizulta pprovata sodisfacentement.

Dwar t-tieni akkuza ghalkemm l-imputat rregistra ammissjoni ghal tali akkuza, din inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq f'kaz li ma tirrizultax ppruvata u ghalhekk stante li l-Qorti diga sabitu hati tal-akkuza ta' serq allura huwa ovvju li huwa kellu l-oggetti misruqa fil-pussess tieghu bhala konsegwenza tas-serq. L-akkuza ta' ricettazzjoni pero per se ma tirrizultax ppruvata.

Illi ghar-rigward t-tielet akkuza, u cioe dik ta' hsara voluntarja, il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni esibita mill-espert tal-Qorti Alfred Camenzuli (dokument AC) partikolarment ghal fol 37 fejn jirrizulta li d-dhul f'dan il-fond sar mill-*front garden* fejn imbaghad intuzat forza fuq il-bieb

principali li biha cediet l-blokka tas-serratura li taghlaq dan il-bieb permezz ta' *automatic electric hall porter*. Il-Qorti pero tosserva li l-imputat ammetta din l-akkuza wkoll u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghha wkoll.

Illi dwar r-raba akkuza u cioe li l-imputat kiser l-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April, 1999 meta kien gie moghti *probation order* ghal perjodu ta' tmintax il-xahar, il-Qorti ssibu hati taghha wkoll stante li l-Qorti qed ssibu hati tal-akkuza ta' serq u hsara voluntarja fil-wiehed w ghoxrin ta' Mejju, 2000 u cioe li l-akkuzi sehhew fi zmien ta' inqas minn tmintax il-xahar minn meta inghata s-sentenza imsemmija.

Il-Qorti pero ghamlet apprezzament tax-xhieda u jirrizulta li l-imputat ghalkemm ghadu zghir u cioe ghandu biss sbatax il-sena, ghandu problema ta' droga. Din tirrizulta mill-istqarrija li rrilaxxja l-imputat stess fejn ammetta li huwa kkommetta dan is-serq sabiex jhallas id-dejn li kellu ma terzi in konnessjoni ma droga.

Il-Qorti semghet wkoll lil Anthony Schembri, Manager tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jghid li huwa ghamel hiltu

kollha sabiex jghin lil imputat, li jinsab taht arrest preventiv l-Habs jibda kors ta' rihabilitazzjoni pero dan nonostante, ma rnexxilhux jsiblu post residenzjali.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li kien possibbli sabiex tghin lil kull minn deher quddiemha bhala imputat u kellu dan il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dan il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi ta' droga jfiequ u minn dan il-vizzju. Dan, il-Qorti dejjem ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-vizzju u min veru wera rieda tajba u affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Il-Qorti semghet wkoll lil Probation Officer Carmen Nygaard tixhed wara li kienet innominata sabiex thejji pre-sentencing report, fejn kkonfermat li l-imputat ghandu problema ta’ droga. Illi l-istess Probation Officer ppresentat relazzjoni fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru, 2000. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ilu jabbuza mid-droga min mindu kellu sbatax il-sena. Tul il-perjodu li ilu fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, hu wera x-xewqa li jsegwi programm ta’ rihabilitazzjoni.

L-imputat gej minn familja numeruza, il-genituri tieghu ta' spiss jittlewwmu bejniethom u l-ambjent tad-dar jista jiswih ta' deni. Illi l-imputat dejjem kkopera mal-Pulizija u fil-Habs dejjem gab ruhu sewwa.

Il-Qorti thossha konvinta li l-imputat jixtieq johrog minn dan il-problema tant aktar pero tifhem li ghandha tkun hi ta' ghajnuna ghalih u ghalhekk hija ppreparata tiehu r-riskju li tpoggih that supervizjoni ta' Ufficjal ta' Probation.

Ghalhekk **il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 334, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 10(1) tal-Kap 152 tal-istess Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi billi tiddikjara li qed ssib lil imputat ALLAN GRIMA hati tal-ewwel, t-tielet w r-raba akkuza u tilliberah bil-kundizzjoni li joqghod taht s-supervizjoni kontinwa tal-Probation Officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta' tlett snin u dan taht l-ordni ta' probation li hawn anness skond l-artikolu 5 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni :**

**1. Li matul il-perjodu ta' Probation l-imputat ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod**

**ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation fuq imsemmija, inkluz kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certi postijiet u/jew nies;**

2. **Li l-probationer ghandu jzomm ruhu kontinwament f'kuntatt ma l-Ufficjal tal-Probation skond d-direttivi li din taghtih min zmien ghal zmien, u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation tkun trid hekk, jircievi zjarat li din l-Ufficjal tal-Probation taghmel ghandu fejn ikun;**
3. **Il-probationer ghandu minnufih jgharraf lill-Ufficjal tal-Probation b'kull tibdil ta' residenza;**
4. **Illi l-probationer ghandu jsegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz ta' droga b'mod residenzjali;**
5. **Illi l-Ufficjal tal-Probation ghandha tidher l-Qorti kull erbgha xhur sabiex taghti rapport lil Qorti dwar l-andament u l-imgieba tal-probationer;**
6. **Li l-probationer ghandu jibqa l-Facilita Korretiva ta' Kordin sakemm tasal d-data meta jkun jista jibda jsegwi l-programm ta' rihabilitazzjoni fic-Centru tal-Caritas, San Blas;**

**7.** **F'kaz li l-probationer ma jkomplix il-kors ta' rihabilitazzjoni, l-Ufficjal tal-Probation ghandha tinforma lil Qorti minnufih.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-perizji, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1996* fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia fejn kien gie deciz li jekk l-ispejjes ma jigux inkorsi waqt l-kumpilazzjoni izda fi stadju tal-inkjesta, dawn ma jigux attribwiti lil imputat. Ghaldaqstant, tali talba qed tigi michud fl-intier taghha stante li tul l-kumpilazzjoni il-Qorti ma nnominat lil ebda espert jew perit u ghalhekk ma gew inkorsi l-ebda spejjes ulterjuri.**

**Dwar t-tieni akkuza, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati taghha u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti wissiet lil imputat li jekk jikser xi kundizzjoni imposta fuqu jew jekk jikkommetti xi reat, ikun li jkun, waqt il-perjodu ta' Probation, m'ghandux wara jippretendi li jerga jsib il-klemenza tal-Qorti.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**